# Kulleġġ San Nikola
## Skola Sekondarja Naxxar - Subien

BS Naxxar

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Frar 2014

**IT-TIELET SENA**

Suġġett: Il-Malti | Livell: Rotta 2 | Ħin: Sagħtejn

Isem ______________________________ Klassi________________

## A. Silta għall-qari

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb.



L-Ispiżjar Micallef kien bniedem qsajjar, irqiq u mkemmex. Għadda mill-eżamijiet bil-ħniena jew kif ngħiduha, imkaxkar, iżda ħadem, stinka u rnexxielu jilħaq spiżjar. Kien bniedem qalbu f'idu u qatt m'għamel ħsara lil ħadd, anzi dejjem sewa ta' ġid. (par.1)



Mal-ispiżerija, fost l-oħrajn kellu kamra li fiha kien joqgħod ipitter. Għall-pittura kellu ħajra, iżda ma kellux fama tajba, għall-inqas ma' sħabu. Diversi ħbieb tiegħu kienu jiġu għandu u ma jonqsux li jiċċajtaw miegħu żżejjed, kważi jippruvaw jgħadduh biż-żmien dwar il-pittura tiegħu. (par.2)



L-Ispiżjar, bniedem rikonoxxenti, darba fettillu jagħmel pittura u rregalaha lill-Professur Calleja. Wasal il-Milied, u bħal dejjem, il-Professur stieden xi ħbieb, fosthom dawk kollha li kienu jmorru għand l-Ispiżjar biex jidħku bil-pittura tas-Sur Fonz. Il-Professur, ta' raġel għaref u għaqli, uriehom il-pittura l-ġdida. Ħarrfilhom li dik kienet biċċa xogħol tal-pittur magħruf Conti. Kollha daru magħha u ma naqasx kliem ta' tifħir. (par.3)

Il-Professur, raġel ta' dehen, bis-sabar stenna li lkoll jgħidu tagħhom. Iżda issa l-Professur ma felaħx iktar. "Ersqu 'l hawn" qalilhom. "Ħarsu lejn il-firma u taraw l-isem", kompla jisħaq il-Professur. Ilkoll tbikkmu u fehmu li jew l-Ispiżjar għandu tassew is-sengħa għat-tpinġija jew li huma ma jifhmu xejn għalkemm jidhrilhom li jifhmu ħafna. (par.4)

Addattament minn *Frisk bħal Ħassa* ta' Henry Schembri

| A. Fehim it-Test | (10 marki) |
|---|---|



1. Agħti isem lil din is-silta.

   ________________________________________(marka)

2. L-Ispiżjar Micallef kien raġel _____________ u _____________. (2 marki)

3. X'kienu jagħmlu l-ħbieb tal-Ispiżjar xħin jaraw il-pittura tiegħu? Immarka t-tajba ⇨ __ jidħku, __ jibku, __ jistagħġbu. (marka)

4. X'tah lill-Professur l-Ispiżjar?

   ________________________________________________________(2 marki)

5. Kif kienet ir-reazzjoni tal-ħbieb tal-Ispiżjar meta l-Professur qalilhom li l-pittura li kien qed jurihom kienet ta' Conti?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________(2 marki)

6. Għaliex il-ħbieb tal-Ispiżjar tbikkmu meta skoprew min kien pittirha? Agħżel **2** minn dawn l-4 tweġibiet.

   a) Fehmu li l-Ispiżjar għandu l-kapaċitajiet ta' pittur.

   b) Il-pittura fakkrithom f'esperjenza kerha li kienu għaddew minnha.

   ċ) Il-Professur ċanfarhom ta' kemm-il darba daħku bit-tpinġijiet tal-Ispiżjar.

   d) Huma rrealizzaw kemm ma jifhmux fl-arti tat-tpinġija. (2 marki)

| B. Għarfien il-Lingwa | (20 marka) |
|---|---|

**Grammatika u Morfoloġija**

*L-Ispiżjar Micallef kien bniedem qsajjar, oħxon u mkemmex.* (par.1) (4 marki)

(1) Minn din is-sentenza sib u ikteb:

| | | |
|---|---|---|
| i | L-artiklu: | |
| ii | Nom Komuni: | |
| iii | Nom Propju: | |
| iv | Diminuttiv: | |

(2) Lessiku

(i) Mill-ewwel paragrafu sib il-kelma li tfisser <u>persuna</u>.

Il-kelma hi: ________________. (marka)

(ii) Agħti kelma oħra flok il-kelma **fama** (par.2).

Il-kelma hi: ________________. (marka)

(3) Analiżi Testwali

(i) Il-verb "għadda" (par.1) qiegħed jirreferi għall-

(a) Avukat (b) Professur (ċ) Ispiżjar (marka)

(ii) Il-frażi "qalbu f'idu" (par.1) turi li l-Ispiżjar kien

a) ġeneruż b) egoist ċ) dħuli (marka)

(iii) Il-kelma "pittura" (par.2) hi ta' nisel:

(a) Semitiku (b) Rumanz (ċ) Ingliż (marka)

(4) Sintassi

Ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel xejn mit-tifsir. (2 marki)

*Mal-ispiżerija, fost l-oħrajn kellu kamra li fiha kien joqgħod ipitter* (par.2).

Hu kien ____________________________________________________________________.

(5) Kompli dawn is-sentenzi billi tagħmel sing taħt il-kelma t-tajba, bħal fl-eżempju:

Eż: Il-(bejjiegħ, bejjiegħa) kontra x-xerrej. (6 marki)

i. Iż-żejjed ħu n-(nieqes, nieqsa, neqsin).

ii. Tiżloqx fin-(niexef, niexfa, nexfin).

iii. Il-(giddieb, giddieba, giddibin) ______________ għomru qasir.

iv. Il-kelb il-(mismut, mismuta, mismutin) kull ilma jaħsbu misħun.

v. Pjaċir bla mitlub nofsu (mitluf, mitlufa, mitlufin).

vi. Il-(miktub, miktuba, miktubin) mhux maħrub.

(6) Ikteb kliem flok numri:

i. Kull filgħodu nqum fis-(6) ______________ għax il-prajvit tgħaddi fis-(7) ______________ peress li l-iskola tagħna tibda fit-(8) ______________ neqsin kwart. (3 marki)



| L-Aspett Simboliku fl-Isfond Lingwistiku Popolari | (4 marki) |
|---|---|

1) Kompli dan il-qawl

Daqqa tmissek l-għ______________ u daqqa oħra l-laħma.

2) Agħżel it-tajba

In-nannu jħobb jorqod kmieni u għalhekk inħobbu ngħidulu li:

| a) jorqod mal-għasafar | b) jorqod mat-tiġieġ | ċ) jorqod mal-klieb |
|---|---|---|

D. Ħiliet fil-Malti Komunikattiv (8 marki)

Agħżel (a) **jew** (b) u ikteb madwar **60 kelma**.

a) Sorpriża f'għeluq snini.

b) Partita li ħadt pjaċir nara.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

E. Tiftix – Trawwim Kulturali (8 marki)

Din is-sena int studjajt dwar il-lingwa għall-proġett **Idea ta' Lingwa**. Ikteb **erba' sentenzi** dwar dak li studjajt.



_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

| F. Letteratura | (30 marka) |
|---|---|

1

(i) Nadriet 3 – Agħżel it-tajba: (marka kull waħda)

a) Fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** il-Poeta għal min qed jirreferi meta jgħid li "għalih hi kollox"? a)ommu b)klijenta ċ)kollega

b) Il-poeproża **Pitirross** tibda "Kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross". Għaliex jagħmel dan?

a)biex jistrieħ b)biex iġedded ħmuret sidru ċ)biex ibejjet

c) Fiex qed jiftakar Dun Karm fil-poeżija **Waħdi**?



a)fi tfulitu b)kif se jgħaddi l-ħin ċ)fil-futur

d) Ma' xiex qed iqabbel lilu nnifsu l-Poeta Achille Mizzi fil-poeżija **Arizona**? a)ma' qasba b)ma' deżert ċ)ma' belt

(ii) Aqra din l-istrofa mill-poeżija **Poeta (lil Rużar Briffa)** u wieġeb:

**Poeta**
**Lil Rużar Briffa** (Dun Karm)



Rużar Briffa

Sebaħ jittajjar bħal għasfur qalbieni
U mill-għoli tas-sħab leħnu semmagħna
- Leħnu safi – iż-żagħżugħ poeta tagħna.

a) Dun Karm iddedika din il-poeżija lil ______________ ______________. (marka)

b) Il-Poeta jfaħħar liż-"żagħżugħ poeta" għall-______________ tiegħu. (marka)

ċ) Strofa bi tliet versi tissejjaħ ______________. (2 marki)

d) Din il-poeżija għandha rima ______________. (2 marki)

e) "Sebaħ jittajjar **bħal** għasfur qalbieni", v.7 hi ______________. (2 marki)

2 (i) Stejjer taċ-Ċarrut

Agħmel sinjal taħt it-tajba: (3 marki)

a) F'**Jitkellem James Grech**, James kien tifel li ddeċieda li

| | | |
|---|---|---|
| a)jaħrab mid-dar | b)jaħrab mill-iskola | ċ)jsiefer |

b) **Willie** kien tifel dgħajjef li l-iskola ta' sikwit kien:

| | | |
|---|---|---|
| a)jirbaħ premju | b)jittanta l-għalliema | ċ)jaqla' xi xebgħa |

ċ) Fl-istorja **Ġuħa u t-Tin**, Ġuħa ħa gost li n-nies tal-Emir tefgħulu t-tin għax kieku tefgħulu l-pitravi

| | | |
|---|---|---|
| a)kien jitħammeġ | b)kien iweġġa' | ċ)kien ikollu jixtri t-tin |

d) Fl-istorja **Iż-żerriegħa li ma gergritx** nitgħallmu ______________________________

____________________________________________________________________ (3 marki)

(ii) Stejjer għal Qabel Jidlam – **It-tifel tal-baħar**

Agħżel it-tajba: (marka kull waħda)



a) It-tifel tal-baħar kien jismu (Toni, Bertu, Pawlu).

b) It-tifel kien ġej minn familja fqira li tgħix qrib il-(bosk, baħar, belt).

ċ) Dan it-tifel kien jaqla' sold billi jgħin lill-(kaptan, barklori, kappillan).

c) Kompli: F'lejla xitwija omm Bertu ħarġet tfittxu għax _________________________

____________________________________________________________________ (3 marki)

d) Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u għid x'ġara f'madwar 30 kelma: **L-Ewwel Telefornata** jew **Ix-Xemx fuq it-Tieqa**. (6 marki)

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

| Komponiment | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel titlu u ikteb **250 kelma** dwaru:



1. Post f'Malta li ma nixba' qatt inżur.
2. Ix-xufier li jwassalna l-iskola.
3. Li kieku għandi tmintax-il sena.
4. Ikteb storja li tispiċċa b'dawn il-kelmiet: "kull deni ħudu b'ġid."
5. Taqbel li kull min għandu taħt it-tlettax-il sena jingħata l-permess biex juża "facebook"? Iddiskuti.